**ĦAL LUQA**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**It-TMIEN' KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 22 – L-Erbgħa 19 ta' Mejju 2021**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi 174, Triq il-Ġdida, Luqa l-Erbgħa, 19 ta' Mejju 2021

Preżenti:

| | |
|---|---|
| John Schembri | Sindku |
| Kearon Bruno | Viċi Sindku |
| Frederick Aquilina | Kunsillier |
| Victor Caruana | Kunsillier |
| Eric Camilleri | Kunsillier |
| Lucia Massa | Kunsilliera |
| Maria Magri | Kunsilliera |

Uffiċċjali Preżenti: Karen Camilleri, Deputat Segretarju Eżekuttiv

Il-laqgħa ġiet preseduta mis-**Sindku John Schembri**

1. **Approvazzjoni tal-Minuti Seduta 20**

   **Is- Sindku John Schembri** ppreżenta l-Minuti ta' Seduta 20, li kienu ċċirkulati lill-membri permezz ta' korrispondenza elettronika, għall-approvazzjoni.

   **Il-Kunsillier Lucia Massa** ssekondat.

   Il-Minuti għal Seduta Nru 20 ġew approvati b'mod unanimu.

## 2 Komunikazzjoni mis-Sindku

2.1 Is-Sindku John Schembri fetaħ il-laqgħa billi ntroduċa lid-Deputat Segretarju Eżekuttiv u rringrazzja lis-Segretarju Eżekuttiv uxxenti, s-Sur Michael Portelli tas-servizz li taha lill-Kunsill u lill-komunita' Luqija f'dawn l-aħħar għaxar snin.

2.2 Is-Sindku John Schembri nfurma flimkien mal-Kunsillier Victor Caruana mar jara vann għall-Kunsill, liema vann jidher li huwa f'kundizzjoni tajba ħafna. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv staqsiet kemm ilu fit-triq u ġie kkonfermat li l-vann huwa tal-2010.

2.3 Is-Sindku John Schembri nfurma li ftit tal-ġimgħat ilu deher artiklu fil-ġurnali dwar l-iżvilupp f'Ħal Farruġ, liema żvilupp se jkompli joħnoq lir-residenti ta' Ħal Farruġ. Is-Sindku nfurma li se tkun qed issir Konferenza Stampa konġunta mal-Kunsill Lokali Ħal Qormi, fejn se jkunu qed jingħataw id-dettalji għall-oġġezzjoni kontra dan l-iżvilupp. Is-Sindku nfurma li din il-konferenza stampa se tinżamm nhar il-Ġimgħa, 28 ta' Mejju fil-11.00a.m. u stieden lill-membri biex jattendu. Il-Kunsillier Victor Caruana staqsa min hu l-iżviluppattur. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv infurmat li se tkun qed tgħaddi l-informazzjoni lill-membri.

2.4 Is-Sindku John Schembri nfurma li l-kuntrattur responsabbli mix-xogħlijiet tal-bini tal-letrina fi Triq Dun Pawl kellu nċident sfortunat iżda huwa mistenni li jkompli bix-xogħlijiet mill-ġimgħa d-dieħla. Il-Kunsillier Frederick Aquilina staqsa kemm se tkun id-differenza finanzjarja minn meta beda x-xogħol tat-twaqqigħ eċċ. Il-Kunsillier Frederick Aquilina talab li jiġu ppreżentati l-pjanti ta' kif ġejja l-binja tal-letrina. Is-Sindku John Schembri nfurma li fl-istess sit se jkun qed jinħoloq uffiċċju għas-Sindku u uffiċċju ieħor għall-Community Policing.

Il-Kunsillier Victor Caruana staqsa kemm se jkunu qed jinħarġu toilets, għall-fatt li jekk ikun hemm attivita', bħalma hija l-festa, jkun hemm il-bżonn ta' aktar minn toilet wieħed, speċjalment tal-irġiel. Wara diskussjoni bejn il-membri ġie maqbul li tintbagħat notifika lill-Perit tal-Kunsill sabiex jiġu nstallati pixxaturi wkoll. Il-Kunsillier Frederick Aquilina staqsa hemmx target date meta x-xogħlijiet se jkunu lesti.

2.5 Is-Sindku nfurma li x-xogħlijiet ta' bankini fiz-zona ta' Ħal Farruġ, liema xogħlijiet qed isiru mill-ħaddiema assenjati mal-Kunsill, jinsab miexi b'ritmu tajjeb.

2.6 Is-Sindku John Schembri nfurma li l-Kunsill se jkun qed japplika għall-iSkema tal-Bandli u għall-iSkema maħruġa mill-AKL bil-fondi tal-LESA. Is-Sindku spjega li se jkun qed jiġi ppreżentat r-restawr ta' żewġ statwi eżistenti fiċ-Ċimiterju ta' San Tumas, restawr tal-Kampnar tal-Kappella tal-Ftajjar u r-

restawr tan-Niċċa tas-Salvatur. Il-Kunsillier Victor Caruana talab li tingħata prijorita' l-kampnar tal-Kappella tal-Ftajjar għaliex jinsab fi stat ħażin ħafna.

2.7 Is-Sindku nfurma li fil-ġimgħat li ġejjin se jkunu qed jinħarġu tenders għal-Patching Works, Bankini u Żamma u Tisbiħ tas-Soft Areas. Il-Kunsillier Victor Caruana talab li l-Kunsill iqabbad kuntrattur għal servizz ta' emerġenza sabiex isir it-tindif meħtieġ, b'mod partikolari l-Family Park, fejn għandu bżonn servizz b'saħħtu minħabba l-kobor li fih. Għaldaqstant ġie maqbul li jinġabru stimi għal servizz ta' emerġenza, sakemm isir il-proċess tat-tendering u tal-għażla. Il-Kunsill approva b'mod unanimu.

2.8 Is-Sindku John Schembri nfurma li matul il-ġranet li għaddew kellu laqgħa mal-Contract Manager responsabbli mill-kuntratti tat-tindif u taħ struzzjonijiet ċari ta' x'inhu mistenni minnu. Is-Sindku nfurma wkoll li tkellem mal-Kunsillier responsabbli mill-Ambjent sabiex iħejji pjan ta' ħidma li għandu jsir mill-kenniesa.

Il-Kunsillier Frederick Aquilina talab li malli tiġi ffinalizzata l-iskeda, titqassam lill-membri. Il-Kunsillier Victor Caruana ġibed l-attenzjoni li t-toroq kollha jinsabu mimlija ħaxix ħażin u jeħtieġ li jsir it-tindif meħtieġ.

## 3 Ħwejjeġ Oħra

3.1 **Il-Kunsillier Victor** Caruana talab li jibda jsir it-tindif ta' rainwater culverts eżistenti madwar il-lokalita'.

3.2 **Il-Kunsillier Victor Caruana** nfurma lill-membri li jeħtieġ li ssir manutenzjoni tat-tarmac madwar it-tappieri tal-WSC quddiem Tesor u quddiem il-Convenience, Triq Ċensu Decandia quddiem ic-Child Care, Wesgħet Vittmi tal-Gwerra u Triq Dun Ġużepp Micallef.

3.3 **Il-Kunsillier Victor Caruana** talab li tiġi nstallata mera opp OK Bar fi Triq il-Karmnu.

3.4 **Il-Kunsillier Victor Caruana** nfurma li meta sar ix-xogħol fi TRIQ Indri Micallef, it-triq ġiet teqleb u għaldaqstant għandu jsir rainwater culvert sabiex jilqa' l-ilma tax-xita. Barra minhekk hemm bżonn li jsiru l-marki tat-traffiku fi Triq Ġorġ Zahra. Is-Sindku nfurma li se jkun qed iressaq din it-talba għall-attenzjoni ta' Infrastructure Malta.

3.5 **Il-Kunsillier Frederick Aquilina** talab li jsir restawr tat-telephone box eżistenti fi Triq id-9 t'April. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv infurmat li se jkun qed jitressaq rapport lil GO plc.

3.6 **Il-Kunsillier Frederick Aquilina** ppropona li l-Kunsill jibgħat talba lill-Ministeru għall-Ambjent sabiex Ħal Luqa jkun minn tal-ewwel li jingħata d-

dispensers tal-flixken tal-plastic.

3.7 **Il-Kunsillier Frederick Aquilina** staqsa dwar l-iskema tal-LC Care. Is-Sindku John Schembri nfurma li qed issir ħidma dwarha. Il-Kunsillier Victor Caruana ġibed l-attenzjoni dwar il-fatt li qed jiġi ġġenerat skart mill-feeders ta' wara t-Take-Off. Is-Sindku nfurma li se jkun qed jagħmel sett ta' kundizzjonijiet lill-feeders irreġistrati mal-Kunsill.

3.8 **Il-Kunsillier Frederick Aquilina** ippropona li minħabba l-fatt li ma jistgħux jiġu organizzati attivitajiet tal-massa, bħala kampanja edukattiva jsir l-Innu lil Sant'Andrija bil-lingwa tas-Sinjali.

3.9 **Il-Kunsillier Frederick Aquilina** nfurma li qed jiġbor xi stimi għall-ixkaffar tal-librerija, fejn bħalissa għandu stima li tammonta €15,000.

3.10 **Il-Kunsillier Eric Camilleri** ppropona li l-Kunsill joħroġ sejħa għall-uffiċjal klerikali fi Skala 16. Il-Kunsill approva b'mod unanimu.

3.11 **Il-Kunsillier Maria Magri** nfurmat li residenti minn Triq San Ġorġ u Triq l-Iskola qed joħorġu l-boroż tal-iskart mhux skont l-iskeda tal-ġbir.

3.12 **Il-Kunsillier Lucia Massa** talbet li tiġi nstallata U-bar faċċata tal-Petrol Station, quddiem il-Paperway.

3.13 **Il-Kunsillier Lucia Massa** talbet li jiġu nstallati Lights temporanji fi Triq il-Gudja. Is-Sindku nfurma li għamel dak kollu possibli biex forsi ssir xi ħaġa, iżda l-awtoritajiet baqgħu ma tawx każ.

## 4 KORRISPONDENZA

4.1 Invit mill-Parroċċa Sant'Andrija għall-Inawgurazzjoni tan-Niċċa tal-Irxoxt

4.2 Laqgħa Ġenerali Annwali mir-Reġjun Nofsinhar.

4.3 Talba għal rumble strips fi Triq il-Kunsill tal-Ewropa għal Triq il-Gudja

## 5 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TAL-PAGAMENTI

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda l-iSkeda ta' Ħlasijiet għax-xhur ta' Marzu u April 2021.

**Il-Kunsillier Maria Magri** pproponiet l-approvazzjoni tal-ħlasijiet.

**Il-Kunsillier Lucia Massa** ssekondat.

Il-Kunsill approva l-iSkeda ta' Ħlasijiet .

## 6. TMIEM TAL-LAQGĦA

Il-laqgħa ġiet fi tmiemha fis-19.15. Il-laqgħa ġiet aġġornata mingħajr data.

Minuti ġew approvati llum, l-Erbgħa, 16 ta' Ġunju 2021

***IFFIRMATA***
**John Schembri**

SINDKU

***IFFIRMATA***
**Karen Camilleri**

Deputat Segretarju Eżekuttiv